MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 446/2004

**Emmanuel u Alessandra konjugi Zammit**
**vs**
**Philip J. Zammit u Kevin Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ippremettew:

Billi l-atturi silfu lill-konvenuti s-somma ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM 20,000) fl-1 ta’ Gunju 2003, u dana kif jirrizulta ahjar mill-annessa skrittura markata Dokument A u l-kopja tal-kambjala li qed tigi annessa u markata bhala Dokument B.

U billi l-konvenuti minkejja li obbligaw ruhhom diversi drabi li ser ihallsu l-pagamenti li huma dovuti ai termini tal-istess skrittura sal-lum baqghu inadempjenti.

U billi l-pagamenti li huma dovuti sal-lum ai termini tal-istess skrittura (Dok. A) jammontaw ghal sebat elef u sitt mitt lira Maltin (LM 7,600), u dan kwantu ghal elf lira Maltin (LM1,000) kapital flimkien ma’ erba’ mitt lira Maltin (LM 400) imghax dovuti ghall-iskadenza tal-31 ta’ Awissu 2003, kwantu ghal elfejn lira Maltin (LM2,000) kapital flimkien ma’ erba’ mitt lira Maltin (LM 400) imghax dovuti ghall-iskadenza tat-30 ta’ Novembru 2003, kwantu ghal elf lira Maltin (LM1,000) kapital flimkien ma’ erba mitt lira Maltin (LM 400) imghax dovuti ghall-iskadenza tat-28 ta’ Frar 2004 u kwantu ghal elfejn lira Maltin (LM2,000) kapital flimkien ma’ erba mitt lira Maltin (LM 400) imghax dovuti ghall-iskadenza tal-31 ta’ Mejju 2004.

U billi ghalhekk il-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom huma veru, certi u likwidi debituri a favur tal-atturi fis-somma ta’ sebat elef u sitt mitt lira Maltin (LM 7,600).

U billi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu din is-somma mislufa lilhom izda baqghu inadempjenti.

U billi l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talbiet attrici ai termini tal-Artiklu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenuti flimkien *in solidum* bejniethom bhala veru, certi u likwidi debituri a favur tal-atturi fis-somma ta’ sebat elef u sitt mitt lira Maltin (LM7,600) dovuta kif inghad hawn fuq.

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ sebat elef u sitt mitt lira Maltin (LM7,600).

Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Jannar 2004 u tal-ittra ufficcjali tat-2 ta' Frar 2004 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-atturi Emmanuel u Alessandra konjugi Zammit u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti Philip J. Zammit u Kevin Zammit debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejjha tlett darbiet lanqas ma deherux.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------